

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 292/2014

tat-12 ta' Diċembru 2014

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2015/2159]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) Nru 448/2014 tat-2 ta’ Mejju 2014 li jemenda r-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) Nru 1035/2011 billi jaġġorna r-referenzi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta’ Chicago (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 66xc (ir-Regolament ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

**“— 32014 R 0448:** Ir-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) Nru 448/2014 tat-2 ta’ Mejju 2014 (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 53).”

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta’ Implantazzjoni (UE) Nru 448/2014 bil-lingwa Iż-żandek u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħi fit-13 ta’ Diċembru 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*), jew mad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 231/2013 tat-13 ta’ Diċembru 2013 (²), jew dakinar tad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 232/2013 tat-13 ta’ Diċembru 2013 (³), skont liema data tkun l-aktar reċenti.

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Diċembru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Kurt JÄGER*

(¹) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 53.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjoni ma huma indikati.

(²) ĠU L 154, 22.5.2014, p. 32.

(³) ĠU L 154, 22.5.2014, p. 34.